# ĠUŻEPPI AGIUS "IL-BREJBEX" (29.11.1893-20.12.1948)



PROF. RAY MANGION



It-tfajjel Ġużeppi Agius "Il-Brejbex" (c) Raymond Agius, in-neputi tiegħu

Ġużeppi magħruf minn kulħadd bħala 'Il-Brejbex', twieled fir-Rabat, Victoria, Għawdex, iben Karmenu mill-familja "Tal-Bukkett" u Dolora Scicluna mill-familja "Tal-Ingliża". Huwa tgħammed mill-Arċipriet Dun Felic Refalo fil-Bażilika Kolleġġjata Proto-Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat, f'Għawdex, fl-1 ta' Diċembru 1893. Huwa ngħata l-ismijiet ta' 'Josef, Andreas, Carmelus, Joannes'.

Missieru kien Sagristan fl-istess maqdes filwaqt li ommu kienet nissieġa tal-bizzilla f'era ta' rinaxximent artistiku u kummerċjali fil-"Gżira tat-Tliet Għoljiet".

Ħuh "Ġanġu", li kien issemma għal nannuhom patern Mikelanġ, mexa fuq il-passi tal-kap tal-familja mentri oħtu Gejtana kienet bejjiegħa tax-xama'. Huwa kellu ħuh ieħor – Toni – li kellu diġà fama ta' mgħallem meta ħalla dan il-wied ta' dmugħ fil-ġuvinturija tiegħu.

Ġużeppi kien jattendi l-Iskola Elementari tal-Gvern fil-Vajringa, fil-qalba ta' belt twelidu, meta l-Edukazzjoni kienet għadha 'l bogħod milli ssir leġislattivament u uffiċjalment obbligatorja anzi kienet għadha fil-bidu nett tagħha.

Ġużeppi kien imqareb fi tfulitu, forsi iżjed minn tfal oħrajn. Hu kien iħobb jiżżuffjetta fost ġgajta ħbieb fi żmien il-Karnival Spontanju li kien jittella' fir-Rabat, Victoria, f'Għawdex. Huwa kien jixxala bit-tbahrid fil-Qarċilla, u liebes ta' għarusa bil-mant kien jippoppa patattu u jifqa' lil kulħadd bid-daħk.

Ġużeppi darba saħansitra ndarab sforz il-bluha taż-żogħżija billi ntlaqat f'għajnu tax-xellug li kellha ssirlu tal-ħġieġ.

Il-fiżjonomija tiegħu kienet turih bħala individwu mħasseb u nervuż b'ċerta ċiera f'wiċċu.

Mill-bqija, hu kien dejjem b'xi kummiedja u jara kif jivvinta xi bawxata u b'riħet t'hekk spiċċa dabbar il-laqam "Il-Brejbex".

Mill-banda l-oħra, Ġużeppi kien bniedem tasengħa minn għanqudu u kien mogħni bit-talenti li xirfu kull fejn ħalla l-marka tiegħu. Huwa kien ukoll ġibda reliġjuża, ukoll għaliex missieru Carmelo kien servjent fit-Tempju tal-Mulej.

Ġużeppi, li rnexxielu jitgħallem jaqra u jikteb minkejja l-limitazzjonijiet fit-tagħlim, ħadem ta' mastrudaxxa u ta' skultur kemm fl-injam kemm fil-ġebel mhux biss biex jaqla' x'jiekol. Huwa eżerċita l-professjoni tiegħu biex iħalli warajh għadd ta' xogħlijiet artistiċi li l-valuri tagħhom kienu jmorru lil hinn minn żmenijiethom.

Ġużeppi kien awto-didatta li permezz tal-arti tiegħu fittex l-għajxien l-ewwel nett bit-tinqix ta' niċeċ u ta' statwi tal-ħaġar mal-ħitan jewwilla fis-swali tal-imkejjen ta' art twelidu, ta' Għawdex, u t-tieni nett permezz ta' dekorazzjonijiet fl-injam għat-tiżjin tat-toroq u ta' statwetti tat-tafal, l-aktar tal-Assunzjoni ta' Marija u ta' San Ġorġ Martri, tal-Patrun ta' Malta San Pawl kif ukoll tal-Kruċifissjoni, għall-abbelliment ta' djar privati.

Ġużeppi Agius kien tabilħaqq profiliku minkejja li kien raġel emottiv fil-karattru. Huwa kien għaġġieli fil-lavur tiegħu u kien jgħaġġeb lil kulħadd bil-ħeffa li kien juri mill-bidu sat-tmiem tal-produzzjonijiet tiegħu. Huwa ħalla warajh tant xogħlijiet li baqgħu ma jingħaddux.

Ġużeppi spikka bil-bosta bil-figuri u bl-espressjoniiet tal-ġebel li huwa naqqax mhux biss għall-knejjes parrokkjali u filjali iżda għaċ-ċimiterji fil-bliet u fl-irħula f'Għawdex u saħansitra f'Malta. Huwa ġemmel minn toroq sa intrajjet, u kull rokna u kull kantuniera li raqam.

Huwa kien disinjatur u tornjatur abbli ħafna u plażma l-ġmiel ta' twieqi, ta' gallarijiet, ta' ċangaturi, ta' balavostri, ta' saljaturi, ta' kolonni bil-gastri kif ukoll ta' qsari tal-fjuri. Bla rieb ta' xejn, ismu rabtu permanentement mal-estetika tal-gallarija tal-ġebel tal-Palazz Bondì (illum il-Mużew tal-Arkeoloġija), li hu ornamenta bħala replika ta' waħda eqdem li kienet tmermret biż-żmien u li bir-restawr li għamlilha sebbaħ mill-ġdid in-naħa ta' kif wieħed jidħol mill-Bieb il-Qadim tal-Blejta Ġojjel fil-"Gżira ta' Calypso".

Ġużeppi ħadem numru kbir ta' basso-riljievi li juru x-xbieha tad-Duluri.

Il-pasturi li mmudella u fforma bl-għexieren kienu kollha bit-tikmix fuq wiċċhom u bil-qagħda tagħhom qishom ta' Leċċe, tal-Italja.

Huwa kkopja b'perfezzjoni l-koppla falza tal-Kat-



Ġużeppi Agius "Il-Brejbex" qiegħed jaħdem fuq wieħed mill-anġli ta' Triq Xandriku, fin-Nadur, sewwasew fuq il-bejt tad-dar fi Triq il-Palma, fir-Rabat, f'Għawdex (c) Raymond Agius, in-neputi tiegħu

tidral u l-imitazzjoni tiegħu li baqgħet meqjusa ġawhra mill-familja li baqgħet fil-pussess tagħha.

Ċertament, huwa għamel ħabta jiddata kull fejn kien imidd idejh u kien fl-aqwa tiegħu wara l-1919 kif ta xhieda f'għadd ta' interventi fiċ-Ċittadella fir-Rabat, Victoria, f'Għawdex.

Ġużeppi kien all-rounder. Naturalment, hu kiseb fama bħala statwarju fil-ħaġra.

Huwa firex bosta mill-kapulavuri tiegħu fuq medda ta' iżjed minn ħamsa u għoxrin sena li li kienu jinkludu: Sant'Antnin (1919) f'Għajnsielem, San Ġorġ tal-Ħaġar (1925), San Ġużepp (1927) fix-Xagħra, San Lawrenz (1928) fir-raħal taħt l-istess isem, il-Pulizija fl-Għassa tar-Rabat, Victoria (1929), Santa Rita (1929) fix-Xagħra, San Ġwann l-Għammiedi (1930) fix-Xewkija, il-Qalb ta' Ġesù (1936) fix-Xagħra, San Franġisk fit-Tagħniqa ma' San Duminku (1936) fil-Bitħa Interna ġewwa l-Kunvent tal-Patrijiet ta' Ta' Ġieżu fl-Imġarr, f'Għawdex, L-Immakulata Kunċizzjoni (1937) fin-Nadur, San Ġużepp (1938), Ġesù Nazzarenu (1941) fl-Għasri, San Franġisk Jimmedita fuq ir-Ras ta' Mewt (1945) fil-Kunvent tal-Kappuċċini fil-Belt ta' Għawdex, u fl-aħħar u mhux l-anqas id-Duluri fix-Xewkija (1947).

Huwa baqa' żgur fil-memorja kollettiva, jew mhux fit-testimonanja twila ta' impronti personali ta' livell eċċezzjonali, fir-rigward tal-effiġja tal-Qaddis tant maħbub u venerat minn Assisi, fl-Italja, li baqgħet meqjusa bħala l-aqwa fost il-kapudopri tiegħu.

Huwa joħroġ tajjeb il-leħma tal-aħwa Giuseppe u Vincenzo Hyzler kif ukoll ta' Giuseppe Calì, partikularment fil-linja nadifa tal-iskarpell tan-Nazzarini. Madankollu, huwa silet elementi ta' Neo-Klassiċiżmu reminixxenti ta' Antonio Sciortino.

Ġużeppi ma kellux preferenzi fit-tematika Marjana jew Aġjografika tiegħu kif wera fis-sensiela ma taqta' xejn ta' niċeċ stradali fosthom dawk tal-Madonna tal-Karmelu fi Triq Ħamri f'Għajnsielem, tal-Madonna tad-Duluri fil-Munxar, tal-Madonna fi Triq Grunju, fin-Nadur, ta' San Franġisk fi Triq id-Daħla Prinċipali fir-Rabat, Victoria, f'Għawdex, kif ukoll ta' San Mikiel Arkanġlu fl-Għar ta' Xerri fix-Xagħra.

Ġużeppi nqeda wkoll bil-kartapesta u daħħal dan il-medju fir-repertorju tiegħu għalkemm ma tantx applikah. Huwa kellu statwi li żżanżnu u li jintramaw fin-Nadur fl-1932 filwaqt li wettaq restawr tal-vara ta' San Ġorġ li ntużat fid-dimostrazzjonijiet fir-Rabat, Victoria, f'Għawdex.

L-artist bravu mill-"Gżira tal-Leġġendi" skolpixxa l-prospettiva tal-artal tal-kappella tal-Kurċifiss u ż-żewġ stemmi araldiċi fil-faċċata tan-navati fil-Bażilika Kolleġġjata Proto-Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri, fir-Rabat, Victoria, f'Għawdex.

Huwa tqabbad ukoll biex jillavura l-arzella tal-battisteru fil-Knisja Parrokkjali tal-Għasri, f'Għawdex. Barra minn hekk, huwa esegwixxa xogħol simili fil-Knisja l-Qadima tax-Xewkija filwaqt li sgoxxja l-gwarniċ tal-pitturi laterali fl-għamara divini ewlenija tal-Munxar.

Ġużeppi Agius "Il-Brejbex" wettaq il-kummissjonijiet kollha tiegħu fil-ħaġra bil- proporzjon u bit-tiżwiq tal-lwien.

Huwa reġa' kien bla nifs biex ilaħħaq mad-dekorazzjonijiet fl-injam li kien fdat fil-perjodu ta' wara l-1920 li kien karatterizzat mhux biss bi żviluppi politiċi-kostituzzjonali li laħqu l-qofol tagħhom bil-kisba mill-Maltin tal-ewwel Gvern Responsabbli iżda li kien ukoll żmien kospikwu bil-provi li l-Knisja Kattolika Appostolika Rumana f'Malta tat bħala forza kbira u tassew importanti fil-pajjiż b'funzjonijiet interni u fuq kollox b'simboli esterjuri.

Ġużeppi ta sura u gost lil viżibilju ta' pilandri, ta' pilastri u ta' trofej li kienu jkunu muntati jew li kienu ddendlu fil-granet festivi bħalma kienu dawk li kienu ċelebrati fin-Nadur, f'Ta' Sannat kif ukoll fix-Xagħra, f'Għawdex.

Huwa ġiżilla fl-injam il-pedestall li huwa nnifsu kien jarma u jżarma fil-Pjazza f'Ta' Sannat u li fuqu tpoġġiet l-istatwa tal-Patruna Santa Margerita għal iżjed minn sebgħin sena, kif ukoll żewġ armi onomastiċi fis-Sagristija tal-Bażilika Kolleġġjata Proto-Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri, fir-Rabat, Victoria,

» ikompli f'paġni 22 u 23



Ġużeppi Agius fl-aqwa tal-karriera tiegħu dahru mal-pedestall li ħadem biex jintrama fil-Festa ta' Santa Margerita fil-pjazza ewlenija f'Ta' Sannat, f'Għawdex (c) Raymond Agius, in-neputi tiegħu



Ġużeppi Agius "Il-Brejbex" qiegħed jiskolpixxi n-Nazzarenu tal-ġebel għal Għajnsielem, Għawdex (c) Raymond Agius, in-neputi tiegħu

» ikompli minn paġni 18 u 19

f'Għawdex.

Ċertament, Ġużeppi Agius kien pittur u speċjalizza bħala akkwarellist. Huwa fittex li jikkollabora ma' pitturi Maltin ferm magħrufin fosthom Edward Caruana Dingli u Ġanni Vella li tant kien jammira.

Huwa ħalla wkoll lista impressjonanti ta' pitturi li baqgħu mxerrdin fit-tempji sagri li huma fost l-akbar teżori fil-patrimonju mhux biss ekkleżjastiku iżda nazzjonali tal-pajjiż fosthom fir-Rabat, fl-Għasri u fil-Munxar.

Infatti, huwa pitter is-seba' stazzjonijiet tal-Via Matris u s-sepulkru fil-Knisja Parrokkjali tal-Għasri fl-1917 kif ukoll il-kwadru tad-Duluri taż-żejt fuq it-tila fil-Parroċċa tal-Munxar li jkun espost kull sena taħt is-Salib matul l-omeliji, kif ukoll is-suffett tal-koppla tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet liema xogħol tal-arti ma baqax jeżisti.

Huwa għamel ukoll il-pittura fiż-żejt tal-Portiku u tal-Lunetti tal-Knisja Parrokkjali ta' Fontana minbarra li għamel dik li tittella' mas-sepulkri fil-Knisja Filjali tal-Madonna ta' Pompej fir-Rabat, Victoria, f'Għawdex.

Huwa attira l-attenzjoni tal-parroċċi tal-Mellieħa u tal-Imġarr f'Malta li wkoll talbuh, u ħadimilhom, bċejjeċ tal-iskultura.

Huwa kien ukoll l-awtur ta' rappreżentazzjoni tal-Fidi fil-kartapesta fil-faċċata tal-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù f'Tas-Sliema.

Ġużeppi ddekora numru kbir ta' pavaljuni li kienu jintużaw biex iżejnu t-toroq u l-pjazez ta' Għawdex matul il-ġranet tal-festi partikularment f'Kerċem u fin-Nadur.

Huwa mela bosta djar u residenzi privati bi ġmiel ta' pajsaġġi u ta' panorami li maż-żmien ġew jiffurmaw parti integrali minn kollezzjonijiet minn Għawdex.

Huwa ħalla warajh xeni tal-imgħoddi minn art twelidu li baqgħu wirt ta' valur storiku u folkloristiku immens u ġabu prezzijiet għoljin.

Huwa kellu predilezzjoni biex bil-pinzell ipinġi l-għasafar u ħlejjaq oħrajn u biex jipproduċi d-dgħajjes fuq it-tila. Huwa jispikka għall-eżekuzzjonijiet votive speċjalment fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu fl-Għarb, f'Għawdex.

Ir-repertorju ta' Ġużeppi Agius il-Brejbex baqa' l-għaxqa tal-Għawdxin daqskemm is-sett tal-akkwarelli ta' Brockdorff baqa' l-għożża tal-Maltin.

Ġużeppi forsi qatt ma ħolom jew bassar li tpinġijiet minn tiegħu kienu se

jispiċċaw f'Michigan, l-Istati Uniti tal-Amerka, inkella f'Melborn, f'Victoria, fl-Awstralja.

Hu kellu l-bottega fil-bidu ta' Triq il-Kappuċċini kważi fil-kantuniera ta' Triq it-Tiġrija (Triq ir-Repubblika, fir-Rabat, Victoria, f'Għawdex).

Ġużeppi Agius kien idoqq it-tuba mal-Banda La Stella tar-Rabat, Victoria, Għawdex.

Huwa ngħaqad fiż-żwieġ ma' Carmelina Buttigieg fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fis-26 ta' Diċembru 1921, u kellhom iben Carmelo. Huma għexu fir-Rabat, Victoria, f'Għawdex.

Ġużeppi, li qatta' ħajtu jħammeġ idejh bit-trab u bl-għaraq, iħoss u jħobb l-għemejjel tiegħu, miet umli u fqir fl-età ta' 55 sena fl-Isptar Ċivili fir-Rabat, Victoria, f'Għawdex. Hu ndifen fil-Kripta tal-Kattidral ta' Santa Marija ġewwa ċ-Ċittadella.

Huwa kien akkumpanjat fil-korteo funebri mill-Banda Leone l-oħra tar-Rabat, Victoria, f'Għawdex, biex ikun merfugħ u segwit minn sħabu l-bandisti bis-saħħa ta' ftehim kordjali jew aħjar skont użanza tradizzjonali, bejn iż-żewġ soċjetajiet filarmoniċi tal-belt ewlenija ta' Għawdex.

Huwa kien mibki minn kulħadd, sew minn "Tal-Istilla", sew minn "Tal-Iljun", li tant ingħaqdu fit-tislima aħħarija li għoġobhom jagħtuh.

Mewtu kienet annotata bi prominenza mill-Arċidjaknu tal-Kattidral ta' Santa Marija tar-Rabat, f'Għawdex, minn Monsinjur Lwiġi Cordina fid-djarju privat tiegħu

Ġużeppi Agius kien il-profil ta' għadd ta' studji dettaljati u ta' artikli estenstivi li Grazio A. Grech niseġ f'ġurnali bil-Malti ewlenin u f'programmi tal-festi.

Huwa ngħata ġieħ mill-iżjed mistħoqq mill-istoriku ewlieni minn Għawdex li birraġun isejjaħlu "patrijott" li jixraqlu jibqa' mfakkar b'isem ta' triq.

In-neputi tiegħu Raymond Agius talab lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq l-ewwel fit-22 ta' Frar 1999 f'għeluq il-50 sena minn mewtu, u t-tieni darba fl-20 ta' Settembru 2001, iżda s'issa s-sejħa tiegħu ma ntlaqgħetx.



Ġużeppi Agius meta kiber u liebes in-nuċċali u l-kappell
(c) Raymond Agius, in-neputi tiegħu



Ġużeppi f'ritratt tipiku tiegħu meta kiber
(c) Raymond Agius, in-neputi tiegħu

Ġużeppi Agius "Il-Brejbex" mhux se jintesa. Riċentement, huwa kellu kapitlu sħiħ dedikat lilu mill-mibki Pawlu Mizzi, "Missier il-Ktieb Malti", fit-Tifkiriet li xxandru mid-Dar tat-Tbigħ tiegħu "Klabb Kotba Maltin".

Selezzjoni ta' Statwi tal-Ġebel:

Sant Antnin, Knisja ta' Sant'Antnin (1919), Għajnsielem;

San Ġużepp (1938), San Franġisk t'Assisi (1945), ir-Rabat, Victoria;

San Ġużepp (1927), Santa Rita (1929), Il-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù (1936), ix-Xagħra;

San Lawrenz (1928), San Lawrenz;

San Ġwann l-Għammiedi (1930); Id-Duluri (1947), ix-Xewkija;

San Franġisk u San Duminku Jitgħannqu (1936) Il-Kunvent tal-Franġiskani, l-Imġarr, Għawdex;

L-Immakulata Kunċizzjoni (1937), in-Nadur;

Ġesù ta' Nazzaret (1941), L-Għasri;

San Ġorġ tal-Ħaġar (1925), ir-Rabat, Għawdex;

Statwa ta' Pulizija (1929), L-Għassa tal-Pulizija, ir-Rabat, Victoria.

Biblijografija:

Reġistru Pubbliku, Rabat, Victoria, Għawdex, Twelidijiet 677/1893Z; Żwiġijiet 2/1922; Imwiet 16/1949'; L-Arkivju tal-Bażilika Kolleġġjata Proto-Parrokkjali San Ġorġ Martri, ir-Rabat, Għawdex, Reġistru tal-Magħmudijiet, Volum XIII, (1892-1908), folio 48; L-Arkivju tal-Kattidral ta' Santa Marija, ir-Rabat, Għawdex, Manuskritt, Djarju Privat tal-Arċidjaknu Monsinjur Luigi Cordina, Volum II, mingħajr paġinazzjoni; Grazio A. Grech, 'L-Artist Għawdxi Ġużeppi Agius', It-Torċa (2.ix.1984); Rafel.Bonnici Calì, 'Ġużeppi Agius (1895-1945)*, Leħen Is-Sewwa (5.v.1984); Carmel Agius (iben Il-Brejbex) 'Ġużeppi Agius (Il-Brejbex)', Leħen Is-Sewwa (2.vi.1984); 'Ġużeppi Agius (Il-Brejbex)'. Reverendu George Mercieca, Leħen Is-Sewwa (2.vi.1984); Rafel Bonnici Calì. 'Ġużeppi Agius (Il-Brejbex). 'Iwieġeb il-Kavillier Bonnici Calì' (2.vi.1984); Patri Serafin Borg O.S.A. (editur), Niċeċ f'Għawdex – Storja, Reliġjon, Folklor (Dar Editriċi tal-Franġiskani Konventwali, Reliġjon u Ħajja, Malta, 1987); Grazio A. Grech, 'Ġużeppi Agius (Brejbex)(1993-1948)', Festa Maria Bambina Mellieħa 1996 (Printwell Ltd, Fgura); Grazio A.Grech, 'Ġużeppi Agius (Il-Brejbex) – 1893-1948', Il-Mument (27.xii.1998); Alfred Monreal, 'Niċeċ tal-Madonna tal-Karmnu', Il-Kummissjoni Festa Esterna 16 ta' Lulju (Il-Fgura), (editur) Jason Lombardo, Festa tal-Madonna tal-Karmnu (Bonnici Press 2006); Michael J.Schiavone, Dictionary of Maltese Biographies Vol.I !-F (Pubblikazzjonijiet Indipendenza 2009); Albert Ganado, A. Espinosa Rodriguez, An Encyclopedia of Artists with a Malta Connection (Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2018); Pawlu Mizzi, Mid-Dinja Ċkejkna Tiegħi, Għawdxin li għadni niftakar (Klabb Kotba Maltin 2020); Raymond Agius, neputi ta' Ġużeppi. Facebookpage Ġużeppi Agius magħruf b ħala "Il-Brejbex" (25. ix.2020); Reverendissimu Dun Geoffrey Attard (25. ix.2020).

Nota Bene:

Rafel Bonnici Calì huwa żbaljat kompletament filkontenut u saħansitra fid-dati mhux riċerkati tal-artiklu tiegħu.